L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

30 ta' Awwissu 2019
88/2019

**FTUĦ TAX-XAHAR TAL-ĦOLQIEN 2019**

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent ser tiftaħ ix-Xahar tal-Ħolqien biċ-ċelebrazzjoni ta' Quddiesa kif ukoll taħdita li ser isiru fix-Xgħajra. It-taħdita mill-Prof. Carmel Agius ser tkun dwar is-seħer tal-ħajja f'qiegħ il-baħar tax-Xgħajra u r-rabta li dan għandu man-nies tal-lokal. Din l-attività ser issir f'Dawret ix-Xatt, ix-Xgħajra stess, nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru fis-6:30pm. Kulħadd huwa mistieden jattendi.

Ta' kull sena, bejn l-1 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru, ix-Xahar tal-Ħolqien jistedinna biex bħala familja waħda nfittxu li flimkien insaħħu r-relazzjoni tagħna ma' xulxin, mal-ħolqien u mal-Ħallieq. Ix-Xahar tal-Ħolqien beda fl-1989 meta l-Patrijarkat tal-Knisja Ortodossa ddedika l-1 ta' Settembru għat-talb għall-ħolqien.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**